MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 298/2009

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Eman Ebejer, iben Joseph, imwieled Pieta' fil-25 ta' Awwissu, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-26 ta' Marzu, 2009 għal habta ta' nofs in-nhar, ġewwa Triq l-Arċisqof, Valletta b'diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat jarresta lill-ħati, zamm jew issekwestra lil Raffaela Scerri, ta' 71 sena, u detentriċi tal-karta ta' l-identita' 884837(m)

kontra l-volonta’ tagħha, bil-ħsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew ħwejjeġ oħra jew biex tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta’ ħwejjeiġha;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt, li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila, għamel ħsara għad-dannu ta’ Raffaela Scerri;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, kiser il-kondizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta’ Frar, 2009 mill-Qorti preseduta Mill-Maġistrat Dr. A. J. Vella LL.D.;
6. talli rrenda ruħu reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. E. Grima LL.D., mogħtija fl-10 ta’ diċembru, 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Marzu, 2009 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-imputat kien talab lill-vittma s-somma speċifika ta’ €20.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Marzu, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(e), 41(1)(a), 261(a), 262, 276 u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, l- artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat, dwar il-piena. Illi l-imputat għandu l-vizzju tad-droga, l-ammissjoni bikrija u l-fatt li hu kkolabora mal-pulizija.

Għalhekk, tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija u tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva ta’ Corradino biex l-imputat jingħata l-fakulta’ li jattendi għall-program għar-riabilitazzjoni mid-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------